Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

2023/2122(INI)

18.10.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar it-trasparenza u r-responsabbiltà ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi ffinanzjati mill-baġit tal-UE
(2023/2122(INI))

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Rapporteur: Markus Pieper

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 14

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar it-trasparenza u r-responsabbiltà ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi ffinanzjati mill-baġit tal-UE
(2023/2122(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 2, 3 u 11(2) tiegħu,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 322(1a) u 325(4) tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[1] (ir-Regolament Finanzjarju),

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-16 ta' Mejju 2022 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (COM(2022)0223),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitati għall-Baġits u għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu tal-4 ta' Mejju 2023 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013[2],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi[3],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Diċembru 2020 dwar il-pjan ta' azzjoni Ewropew għad-demokrazija (COM(2020)0790),

[1] ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
[2] ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187.
[3] OJ L 231, 30.6.2021, p.159.

– wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 35/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) tat-18 ta' Diċembru 2018 bit-titolu "Trasparenza fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE mill-NGOs: jeħtieġ li jsiru aktar sforzi",

– wara li kkunsidra l-istudju bit-titolu "Financing of non-governmental organisations (NGOs) from the EU Budget" (Finanzjament ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) mill-Baġit tal-UE), ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali tiegħu għall-Politiki Interni tal-Unjoni fil-25 ta' Novembru 2010[4],

– wara li kkunsidra l-istudju bit-titolu "Democratic accountability and Budgetary Control of non-governmental organisations funds by the EU Budget" (Responsabbiltà demokratika u Kontroll tal-Baġit ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi ffinanzjati mill-Baġit tal-UE), ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali tiegħu għall-Politiki Interni tal-Unjoni fl-24 ta' Jannar 2017[5], u l-aġġornament sussegwenti tiegħu tal-21 ta' Jannar 2019,

– wara li kkunsidra l-istudju bit-titolu "Transparency and accountability of EU funding for NGOs active in EU policy areas within EU territory" (Trasparenza u responsabbiltà tal-finanzjament tal-UE għall-NGOs attivi fl-oqsma ta' politika tal-UE fit-territorju tal-UE), ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali tiegħu għall-Politiki Interni tal-Unjoni fit-28 ta' Settembru 2023[6] ("studju dwar it-trasparenza u r-responsabbiltà"),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Frar 2022 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar statut għall-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ transfruntieri Ewropej[7],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2023 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021, Taqsima III – Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi[8],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2023 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021, Taqsima I – Il-Parlament Ewropew[9],

---

[4] Studju – "Financing of Non-governmental Organisations (NGO) from the EU Budget", European Parliament, Directorate-General for Internal Policies, Policy Department D – Budgetary Affairs (Finanzjament ta' Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi (NGOs) mill-Baġit tal-UE", Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, Dipartiment Tematiku D – Affarijiet Baġitarji), 15 ta' Novembru 2010.

[5] Studju – "Democratic accountability and Budgetary Control of non-governmental organisations funded by the EU Budget" (Responsabbiltà demokratika u Kontroll tal-Baġit ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi ffinanzjati mill-Baġit tal-UE), Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, Dipartiment Tematiku D – Affarijiet Baġitarji, 24 ta' Jannar 2017.

[6] Studju – "Transparency and accountability of EU funding for NGOs active in EU policy areas within EU territory (Trasparenza u responsabbiltà tal-finanzjament tal-UE għall-NGOs attivi fl-oqsma ta' politika tal-UE fit-territorju tal-UE)", Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, Dipartiment Tematiku D – Affarijiet Baġitarji, 28 ta' Settembru 2023.

[7] ĠU C 342, 6.9.2022, p. 225.

[8] Testi adottati, P9_TA(2023)0137.

[9] Testi adottati, P9_TA(2023)0138.

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Lulju 2023 dwar ir-rakkomandazzjonijiet għal riforma tar-regoli tal-Parlament Ewropew dwar it-trasparenza, l-integrità, ir-responsabbiltà u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni[10],

– wara li kkunsidra l-linji gwida operazzjonali tal-Kummissjoni għar-riċevituri tal-finanzjament tal-UE dwar l-użu tal-emblema tal-UE fil-kuntest tal-programmi tal-UE 2021-2027, ippubblikati f'Marzu 2021,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2023),

A. billi l-UE fasslet mekkaniżmi ta' trasparenza u responsabbiltà biex tiżgura li l-fondi tal-UE mogħtija lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) jintużaw b'mod effettiv, effiċjenti u f'konformità mal-objettivi, il-politiki u r-regoli finanzjarji tal-UE stabbiliti, fost l-oħrajn, fir-Regolament Finanzjarju, li jistabbilixxi t-trasparenza bħala wieħed mill-prinċipji baġitarji gwida tiegħu, li jirrikjedi li l-Kummissjoni tagħmel disponibbli, b'mod xieraq u f'waqtu, informazzjoni dwar il-fondi tal-UE;

B. billi l-fondi mogħtija direttament lill-NGOs biss kienu soġġetti għal monitoraġġ u rappurtar mill-Kummissjoni sa issa;

C. billi s-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja (STF) tal-Kummissjoni hija s-sors ewlieni ta' data disponibbli għall-pubbliku għal analiżi fuq skala kbira ta' għotjiet u kuntratti ġestiti direttament mill-Kummissjoni;

D. billi analiżi tad-data tal-STF turi li l-għotjiet mogħtija mill-baġit tal-UE lill-NGOs, wara li ġew eskluży l-programmi tal-UE fil-qasam tal-edukazzjoni u r-riċerka, ammontaw għal mill-inqas EUR 2.6 biljun fl-2022, taħt ġestjoni diretta, fil-programmi u l-fondi kollha tal-UE; billi l-ammont totali ta' għotjiet mogħtija lill-NGOs x'aktarx li jkun ogħla minħabba n-nuqqas ta' definizzjoni ta' NGO jew ta' divrenzjar ċar bejn l-NGOs u l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ (NFPOs) fl-STF[11];

E. billi 3 377 entità[12] huma rreġistrati fir-Reġistru ta' Trasparenza tal-UE taħt il-kategorija "NGOs, pjattaformi u networks u simili";

F. billi l-NGOs huma meħtieġa jżommu rekords finanzjarji preċiżi u trasparenti, inkluż dwar l-użu tal-fondi tal-UE, peress li huma responsabbli lejn il-membri, id-donaturi, is-sħab u l-benefiċjarji tagħhom fir-rigward tal-azzjonijiet li jieħdu, is-sorsi tal-finanzjament tagħhom, inklużi l-fondi tal-UE, u d-deċiżjonijiet li jieħdu f'isem il-partijiet ikkonċernati tagħhom;

Rimarki ġenerali

[10] Testi adottati, P9_TA(2023)0292.
[11] L-ammont kumplessiv ta' għotjiet mogħtija mill-Baġit tal-UE lill-NGOs fl-2022, abbażi tal-analiżi tal-STF – madwar EUR 3.7 biljun.
[12] Sors: Ir-Reġistru tat-Trasparenza tal-UE, data aċċessata fit-22 ta' Settembru 2023.

1. Jilqa' r-rwol vitali tal-NGOs fir-rabta bejn is-soċjetà ċivili u t-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi fl-oqsma kollha ta' politika tal-UE; jenfasizza, b'mod partikolari, ir-rwol tagħhom fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE u fir-rappreżentanza tas-soċjetà ċivili;

2. Jenfasizza li l-oqsma tal-politika soċjali, il-politika ambjentali u l-assistenza għall-iżvilupp jeħtieġu appoġġ pubbliku lil hinn mid-donazzjonijiet privati;

3. Jenfasizza li l-organizzazzjonijiet volontarji u tas-soċjetà ċivili jistħoqqilhom l-akbar rispett u gratitudni għax-xogħol ta' kuljum li jagħmlu biex jgħinu lill-oħrajn fis-soċjetà tagħna, b'mod partikolari jekk qed jappoġġjaw, pereżempju, il-ħidma soċjali, l-involviment kulturali, l-edukazzjoni sportiva, l-għajnuna ta' emerġenza; jirrikonoxxi l-miljuni ta' sigħat ta' xogħol volontarju mhux imħallas li saru minn eluf ta' voluntiera madwar l-Ewropa fuq bażi ta' kuljum u jafferma li dawn l-NGOs volontarji jistħoqqilhom l-ogħla tifħir u appoġġ;

4. Jirrimarka b'mod partikolari r-rwol kruċjali li għandhom l-aġenziji tal-għajnuna fis-salvataġġ u t-titjib tal-ħajja ta' kuljum, pereżempju l-ħidma tas-Salib l-Aħmar, l-organizzazzjonijiet tal-pumpieri volontarji, l-organizzazzjonijiet tal-ġestjoni tal-emerġenzi, l-organizzazzjonijiet tal-għajnuna umanitarja, l-organizzazzjonijiet tal-għajnuna soċjali, u jenfasizza l-importanza li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet finanzjarji u oħrajn ta' dawn l-organizzazzjonijiet;

5. Jirrikonoxxi r-rwol importanti li l-NGOs għandhom bħala pedament tas-soċjetà fl-Ewropa fl-għoti ta' appoġġ tant meħtieġ lill-komunitajiet f'diversi oqsma, inkluż fl-appoġġ soċjali, l-edukazzjoni, ix-xogħol ta' karità, ix-xogħol ta' integrazzjoni, fl-għoti ta' appoġġ għas-saħħa għall-anzjani u l-persuni b'diżabilità, fl-oqsma kulturali, fit-tindif, il-protezzjoni u r-restawr tal-ambjent, fir-riċerka u l-innovazzjoni u f'ħafna oħrajn;

6. Jirrimarka li l-liġijiet u l-proċess leġiżlattiv spiss jinjoraw l-ilħna tal-NGOs lokali, reġjonali u nazzjonali, filwaqt li jiffavorixxu l-prijoritajiet tal-NGOs il-kbar, tant illi l-prijoritajiet u l-ħtiġijiet ta' NGOs lokali u reġjonali iżgħar spiss jiġu injorati jew jingħataw inqas attenzjoni, minkejja l-fatt li dawn il-gruppi iżgħar u reġjonali spiss jagħmlu l-maġġoranza tal-ħidma; jenfasizza li l-ħidma tal-organizzazzjonijiet żgħar u reġjonali għandha tingħata l-ogħla rispett, peress li dawn jirrappreżentaw id-diversità vera u l-varjetà ta' xogħol volontarju mwettaq madwar l-Ewropa;

7. Ifaħħar ir-rwol kruċjali tal-NGOs fl-UE u bnadi oħra fid-difiża tal-istat tad-dritt u fil-promozzjoni tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija; itenni li f'pajjiżi b'reġimi awtoritarji jew mhux demokratiċi, l-NGOs spiss jirrappreżentaw l-aħħar linja ta' difiża tad-demokrazija; jinsisti fuq l-importanza ta' finanzjament adegwat tal-UE għall-NGOs attivi f'dawn l-oqsma;

8. Huwa konvint li t-trasparenza pubblika hija vitali għall-NGOs biex juru x-xogħol siewi tagħhom, jiġu rikonoxxuti u jibnu l-kredibbiltà tagħhom;

9. Huwa tal-fehma li l-allegat każ ta' korruzzjoni msemmi bħala l-Qatargate u r-rwol li kellhom ċerti NGOs fih setgħu jiġu evitati permezz tal-infurzar konsistenti tar-rekwiżiti ta' trasparenza eżistenti u l-obbligu għall-NGOs li jiżvelaw is-sorsi ta' finanzjament tagħhom u l-istrutturi interni tagħhom; jinnota bi tħassib li l-NGOs rilevanti bbenefikaw

mill-finanzjament tal-UE mill-2015; iqis li huwa inaċċettabbli li l-użu tal-fondi u t-trasferimenti lil organizzazzjonijiet oħra mhumiex kompletament traċċabbli; iwissi dwar il-periklu li l-flus tal-kontribwenti tal-UE jistgħu fl-aħħar mill-aħħar jintużaw fi ħdan ċrieki korrotti; jenfasizza l-importanza ta' "trasparenza tal-benefiċjarji aħħarija" għall-fondi tal-NGOs tal-UE;

10. Ifakkar li s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin huma bbażati fuq il-konklużjonijiet tal-istudju dwar it-trasparenza u r-responsabbiltà u jindirizzaw dgħufijiet ulterjuri rigward it-trattament tal-fondi tal-UE mill-NGOs;

Definizzjoni ta' NGO

11. Itenni s-sinifikat fundamentali tal-fiduċja pubblika u l-appoġġ għall-NGOs; jirrikonoxxi li t-termini użati biex jiddeskrivu dawn l-organizzazzjonijiet huma soġġetti għal interpretazzjonijiet legali u pubbliċi differenti;

12. Jenfasizza li t-terminu NGO huwa terminu ġenerali wiesa' li jħaddan bosta tipi differenti ta' organizzazzjonijiet: minn organizzazzjonijiet internazzjonali kbar għal dawk żgħar reġjonali jew lokali, minn organizzazzjonijiet immexxija l-aktar minn professjonisti għal dawk li jikkonsistu l-aktar minn voluntiera; jenfasizza li s-suġġett kopert mill-NGOs u l-metodu ta' implimentazzjoni jistgħu jvarjaw b'mod sostanzjali wkoll, pereżempju, xi NGOs jistgħu jagħmlu xogħol li huwa teoretiku ħafna (pereżempju l-ħidma ta' xi gruppi ta' riflessjoni), jew politiċi (pereżempju NGOs politikament affiljati) filwaqt li oħrajn jistgħu jkunu prattiċi ħafna (pereżempju x-xogħol ta' kuljum li l-NGOs tat-tifi tan-nar jinvolvu ruħhom fih madwar l-Ewropa); jenfasizza, għalhekk, li t-tipi differenti ta' NGOs għandhom jiġu differenzjati meta jiġu analizzati l-livelli ta' trasparenza u effiċjenza, u li għandha tiġi stabbilita definizzjoni aħjar tal-NGOs fil-livell tal-UE;

13. Itenni t-talba għal definizzjoni komuni ta' NGO magħmula fir-rakkomandazzjonijiet mir-riżoluzzjoni ta' kwittanza tal-Kummissjoni tal-2021[13]; jitlob definizzjoni komuni ta' NGO fil-livell tal-UE, b'mod partikolari għall-NGOs li jirċievu finanzjament mill-UE; huwa tal-fehma li din id-definizzjoni għandha tipprovdi kundizzjonijiet komuni minimi għad-definizzjoni ta' NGO; iqis li tali kundizzjonijiet minimi jridu jinkludu l-forma ta' organizzazzjoni, l-objettivi li ssegwi, il-livell ta' eżistenza formali jew istituzzjonali tagħha, ir-responsabbiltà tal-istrutturi tagħha lejn il-membri jew id-donaturi tagħha, il-livell ta' indipendenza tagħha mill-gvern, awtoritajiet pubbliċi oħra, partiti politiċi jew organizzazzjonijiet kummerċjali, u l-objettivi kummerċjali jew professjonali li ssegwi f'isem il-membri tagħha;

14. Jenfasizza l-vantaġġi li tiġi stabbilita definizzjoni komuni għall-involviment tal-UE mal-NGOs, li tinkludi interazzjonijiet deliberattivi, politiċi u finanzjarji diretti; jirrikonoxxi l-vantaġġ li jippermettifehim komuni ta' x'inhuma dawn is-sħab fir-rigward tal-UE u l-korpi tagħha f'kuntesti differenti, lil hinn mill-kwistjoni tal-appoġġ finanzjarju; jemmen li l-valur miżjud ta' definizzjoni komuni għall-UE kollha jinsab f'żieda fit-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-prevedibbiltà għall-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri, l-NGOs u l-kontribwenti tal-UE;

[13] Testi adottati, P9_TA(2023)0137.

15. Jinnota li l-ispettru ta' NGOs li jirċievu finanzjament mill-UE jkopri firxa wiesgħa ta' strutturi, modi ta' funzjonament, sorsi ta' finanzjament u oqsma ta' fokus, li jissarrfu f'varjetà ta' proġetti li huma ffinanzjati minn flus il-kontribwenti; jinnota li l-Kummissjoni tuża t-termini NGOs u NFPOs mingħajr definizzjoni ċara fl-STF; jiddispjaċih li dan jirriżulta f'nuqqas ta' trasparenza pubblika fl-allokazzjoni u l-monitoraġġ tal-fondi tal-UE u jista' jwassal għal nuqqas ta' fiduċja pubblika;

Kontroll u monitoraġġ

16. Jinsab imħasseb dwar każijiet ta' frodi u irregolaritajiet, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet fejn l-NGOs li huma membri ta' networks jew pjattaformi internazzjonali differenti li jirċievu finanzjament mill-UE jkunu f'riskju ta' kunflitti ta' interess, finanzjament doppju, korruzzjoni jew ħasil tal-flus; jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' data disponibbli pubblikament dwar il-każijiet ta' frodi li jinvolvu l-NGOs; jistieden lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jikkompila u jipprovdi tali data lill-Parlament u lill-QEA u jfassal lista ta' NGOs li kisru l-liġi;

17. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li r-rekwiżiti ta' trasparenza pubblika jistgħu jiġu evitati, speċjalment meta l-flus jgħaddu tul katina u jintużaw biex jissodisfaw l-għanijiet ta' donaturi oħra; jenfasizza li l-STF ma tipprovdi l-ebda informazzjoni dwar kif il-finanzjament b'mod sekondarju tal-UE mogħti b'ġestjoni indiretta u kondiviża jitqassam fost l-NGOs, fuq liema bażi jew għal liema skop; iqis li dan huwa problematiku ħafna, peress li ammonti kbar ta' finanzjament huma impenjati permezz ta' ġestjoni indiretta u kondiviża; jistieden lill-Kummissjoni tivverifika l-allokazzjoni mill-ġdid tal-fondi u l-użu tagħhom mill-benefiċjarju finali billi timponi rekwiżiti xierqa ta' rappurtar u pubblikazzjoni f'konformità mar-rappurtar annwali mill-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-fondi strutturali u ta' investiment Ewropej;

18. Jiddispjaċih li nuqqas ta' trasparenza jagħmilha possibbli għal atturi b'saħħithom biex jistabbilixxu, jiffinanzjaw u/jew jagħżlu b'mod konġunt NGOs iffinanzjati mill-UE f'diversi Stati Membri biex jippromwovu narrattivi foloz, inkluż permezz ta' diżinformazzjoni, apparentement sabiex jinfluwenzaw il-politika tal-UE permezz ta' atturi differenti, kif ġara fil-Qatargate; jenfasizza li l-baġit tal-UE m'għandux jintuża biex isir lobbjar kontra l-prinċipji u l-valuri demokratiċi tal-UE; itenni li l-influwenza barranija fuq it-tfassil tal-politika tal-UE tista' tkun possibbli permezz tal-NGOs; jistieden lill-Kummissjoni tirrikjedi li l-NGOs li jirċievu għotjiet tal-UE jippubblikaw id-dettalji ta' kwalunkwe finanzjament riċevut minn sorsi oħra fir-rigward ta' proġetti kofinanzjati mill-UE fuq perjodu ta' ħames snin[14];

19. Jitlob li l-liġijiet nazzjonali tar-reġistru tal-lobbjar jirrikjedu wkoll id-divulgazzjoni tad-donaturi u l-ktajjen finanzjarji internazzjonali tagħhom;

20. Ifakkar li ċerti organizzazzjonijiet li jinvolvu ruħhom f'attivitajiet illegali u li jaġixxu kontra l-valuri tal-UE ġew irreġistrati u qed joperaw fl-Istati Membri; jemmen li l-amministrazzjonijiet nazzjonali, li huma eqreb lejn il-livell lokali, jeħtiġilhom jassumu r-responsabbiltà li jkunu l-ewwel saff effettiv li jista' jwaqqaf lill-organizzazzjonijiet li qed jaġixxu b'mod illegali u kontra r-regoli tal-UE;

[14] Ara: studju dwar it-trasparenza u r-responsabbiltà, rakkomandazzjoni 2.

21. Jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali jieħdu miżuri legali u amministrattivi li jiffaċilitaw l-azzjoni fil-livell tal-UE u jagħmluha aktar faċli u aktar rapida għall-Kummissjoni biex tinkludi tali organizzazzjonijiet fis-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (EDES) u teskludihom mill-finanzjament tal-UE; jitlob li tali rekwiżit għall-Istati Membri jiġi inkluż fil-proposta għal regolament tal-NGOs;

22. Jiddispjaċih li t-trasparenza pubblika hija affettwata b'mod negattiv mill-pubblikazzjoni tad-data fl-STF b'dewmien ta' bejn 6 u 18-il xahar; jistieden lill-Kummissjoni tippubblika informazzjoni dwar l-għotjiet tal-UE mogħtija lill-NGOs mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-data li fiha ngħatat l-għotja[15], inkluż il-finanzjament riċevut minn sorsi oħra, bħall-fondazzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa u tintegra għodod ta' validazzjoni tad-data sabiex il-proċess ta' validazzjoni tad-data tal-STF ikun awtomatiku u kontinwu, ikun aktar rapidu u jikkonsma inqas riżorsi[16];

23. Jikkritika dawk is-sitwazzjonijiet li fihom jingħata kofinanzjament sostanzjali mill-baġit tal-UE lill-NGOs li huma ffinanzjati b'mod ċar u predominanti minn stati, networks jew fondazzjonijiet mhux tal-UE u li jwasslu riċerka li regolarment ikollha impatt negattiv fuq l-industrija u l-forniturі tat-trasport Ewropej; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tintraċċa l-fluss ta' fondi mill-ewwel donatur sabiex tiġi evitata ħsara lill-ekonomija tal-UE;

24. Jiddispjaċih li s-sistemi tal-Kummissjoni mhumiex trasparenti ħafna u li d-data tagħhom hija differenti, u dan jagħmilha diffiċli li tiġi rrikonċiljata l-informazzjoni minn portali u bażijiet tad-data differenti tal-Kummissjoni li huma aċċessibbli għall-pubbliku, minħabba li jużaw konvenzjonijiet differenti biex jidentifikaw il-benefiċjarji tal-proġetti u l-għotjiet; jirrakkomanda li l-Kummissjoni tistabbilixxi regoli armonizzati u tistandardizza t-tqassim u l-funzjonalitajiet tal-bażijiet tad-data speċifiċi għall-programmi;

25. Jistieden lill-Kummissjoni tuża entità unika komuni, bħal kodiċi uniku ta' identifikazzjoni tal-parteċipanti, u kjavi għall-identifikazzjoni tal-proġetti fil-portali u l-bażijiet tad-data kollha, inkluż fuq is-siti web tal-benefiċjarji, biex tiġi ffaċilitata r-rikonċiljazzjoni tal-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku pprovduta minn sistemi u siti web differenti; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi lill-benefiċjarji kollha tal-għotjiet tal-NGOs b'kodiċi li jieħu ħames snin ta' data ta' finanzjament direttament mill-STF u jinkludi links għall-entrati korrispondenti tal-proġetti fil-bażijiet tad-data tal-programmi tal-Kummissjoni[17];

26. Josserva inkonsistenzi fil-kontenut u l-firxa tal-informazzjoni murija fuq is-siti web tal-proġetti u jinnota n-nuqqas ta' ċarezza tal-NGOs dwar id-distribuzzjoni tal-għotjiet fost is-sħab u dwar il-konnessjoni ma' bażijiet tad-data pertinenti tal-Kummissjoni; jitlob approċċ aktar proattiv mill-NGOs għat-trasparenza pubblika li jmur lil hinn mir-rekwiżiti minimi attwali għall-finanzjament ta' għotjiet tal-UE[18]; jitlob preżentazzjoni aktar ċara u sistematika ta' informazzjoni dwar l-NGOs u s-siti web tal-proġetti ffinanzjati mill-UE dwar il-finanzjament ta' għotjiet riċevuti mill-UE u minn sorsi oħra

[15] Ara: studju dwar it-trasparenza u r-responsabbiltà, rakkomandazzjoni 5.
[16] Ara: studju dwar it-trasparenza u r-responsabbiltà, rakkomandazzjoni 7.
[17] Ara: studju dwar it-trasparenza u r-responsabbiltà, rakkomandazzjoni 19.
[18] Ara: studju dwar it-trasparenza u r-responsabbiltà, rakkomandazzjoni 17.

kemm għal proġetti speċifiċi kif ukoll b'mod ġenerali, u dwar l-objettivi, ir-riżultati u l-impatt tal-proġetti;

27. Jinnota li, għalkemm l-integrazzjoni tas-sistema tal-eGrants bħala għodda ta' ġestjoni tal-għotjiet komuni u sistema ta' reġistrazzjoni tal-applikanti fost is-servizzi kollha tal-Kummissjoni tejbet il-kwalità u l-kompletezza tad-data tal-STF, jeħtieġ li jsir aktar sforz biex tittejjeb l-affidabbiltà ta' tali data; jinsab imħasseb li għad hemm nuqqasijiet kontinwi f'termini ta' konsistenza fil-portali u s-sistemi ta' trasparenza eżistenti tal-Kummissjoni; jappella wkoll għal STF aktar faċli għall-utent li tkun marbuta mar-Reġistru ta' Trasparenza u kompatibbli mal-bażijiet tad-data ta' programmi speċifiċi, u jenfasizza li għandu jinkludi pagamenti finali u definizzjoni ċara tal-NGOs, li jagħmilha possibbli li jiġu identifikati l-benefiċjarji skont il-kategorija; jitlob li l-Kummissjoni tħejji proposta għal azzjoni amministrattiva ulterjuri sal-1 ta' Ġunju 2024;

28. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi, abbażi tal-Artikolu 36 tar-Regolament Finanzjarju, sistema tal-IT unika u interoperabbli għall-estrazzjoni ta' data u l-punteġġ tar-riskju biex tittejjeb l-effiċjenza tal-kontroll intern tal-implimentazzjoni tal-baġit; jenfasizza li din is-sistema trid tinkludi mhux biss id-data tar-riċevituri, iżda wkoll id-data tas-sidien benefiċjarji f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/849[19]; jitlob li din is-sistema tinkludi indikaturi tar-riskju bbażati fuq data mill-EDES taħt il-modi kollha ta' ġestjoni;

29. Jitlob li l-linji gwida għall-ikkuntrattar ta' għarfien espert estern, inkluż mill-gruppi politiċi, jenfasizzaw aħjar li huma biss l-organizzazzjonijiet li jaħdmu abbażi ta' fatti verifikabbli li huma eliġibbli għall-finanzjament; jitlob li l-benefiċjarji jidħlu f'impenn volontarju korrispondenti qabel il-finanzjament u li l-Kummissjoni u l-QEA jwettqu verifiki għal għarrieda korrispondenti; jirrifjuta kwalunkwe finanzjament ta' organizzazzjonijiet li xerrdu b'mod ċar informazzjoni falza u/jew li l-għanijiet tagħhom huma diretti kontra l-valuri fundamentali u l-prinċipji rikonoxxuti tal-ekonomija soċjali tas-suq tal-UE;

30. Jirrikonoxxi li l-Kummissjoni tipprovdi appoġġ amministrattiv u finanzjarju għall-istabbiliment ta' pjattaformi ta' informazzjoni għall-MPE u għall-pubbliku, iżda jistaqsi, fil-każ ta' pjattaforma dwar il-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura[20], jekk iż-żmien tal-istabbiliment u n-nuqqas ta' monitoraġġ tal-affidabbiltà tal-informazzjoni mxerrda ħeġġewx influwenza politika partiġġjana unilaterali, u b'hekk jagħtu l-impressjoni li l-fergħa eżekuttiva tinfluwenza l-fergħa leġiżlattiva, li tikkostitwixxi użu mhux xieraq tal-flus tal-kontribwenti; jitlob li l-Kummissjoni tiddivulga ż-żmien u l-ammont ta' flussi ta' flus fir-rigward ta' dik il-pjattaforma sal-1 ta' Frar 2024 u jitlob lill-QEA tirrieżamina dan il-każ u tiddetermina x'azzjoni għandha tittieħed;

31. Jinnota li jista' jkun hemm kunflitt ta' interess fl-istituzzjonijiet tal-UE jekk il-fergħa leġiżlattiva tkun influwenzata mill-fergħa eżekuttiva; jitlob li l-Kummissjoni, l-aġenziji

[19] Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE, ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73

[20] "Business and Biodiversity" (In-Negozju u l-Bijodiversità), il-Kummissjoni Ewropea, aċċessat fid-29 ta' Settembru 2023.

tal-UE u entitajiet u istituzzjonijiet oħra tal-UE jkunu meħtieġa jagħmlu l-kuntratti, il-ftehimiet u l-programmi ta' ħidma tagħhom mal-NGOs disponibbli mingħajr dewmien għall-membri tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit sal-1 ta' Frar 2024; jiddispjaċih li t-talbiet multipli mir-rapporteur għal aċċess għal kuntratti bejn l-NGOs u l-aġenziji Ewropej ma ġewx segwiti u li talba trid issir permezz tal-president tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit; jitlob li jingħata aċċess għall-kuntratti lill-membri tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit mingħajr dewmien;

32. Jinnota li l-koeżistenza tal-obbligi ta' rapportar u l-prattiki kontabilistiċi fil-livelli nazzjonali u tal-UE tista' twassal għal piż amministrattiv sproporzjonat għall-NGOs; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-obbligi ta' rappurtar fil-livelli tal-UE u nazzjonali jkunu konsistenti sabiex jiġi garantit monitoraġġ aktar faċli tat-twettiq tal-obbligi, speċjalment għall-NGOs iżgħar; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa sistema komuni ta' monitoraġġ biex tidentifika l-benefiċjarji finali, kif diġà huwa l-każ fil-politika reġjonali; jirrakkomanda li tali sistema għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji ta' monitoraġġ taħt ġestjoni kondiviża li japplikaw għall-Istati Membri tal-UE;

33. Jitlob li l-Kummissjoni tipprovdi analiżi komprensiva dwar jekk u b'liema mezzi finanzjarji tipprovdi taħriġ għal-lobbyists, inklużi l-NGOs, dwar ir-Regolament Finanzjarju u dwar il-baġit tal-UE; jitlob li din l-analiżi tiġi pprovduta sal-1 ta' Frar 2024 b'lista ta' avvenimenti ta' taħriġ rilevanti u l-ismijiet tal-benefiċjarji; jitlob, jekk applikabbli, li l-kontenut tat-taħriġ isir pubbliku; jitlob li l-kontenut ta' dawn il-korsijiet ta' taħriġ ikun disponibbli għall-membri tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit fuq talba;

Reġistru ta' trasparenza tal-UE

34. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-applikanti jew il-benefiċjarji kollha tal-finanzjament tal-UE, inklużi l-NGOs, ikunu meħtieġa jippubblikaw kull sena l-għadd ta' kuntatti ta' lobbjar li għandhom, flimkien man-natura u l-valur monetarju tagħhom; itenni f'dan il-kuntest il-ħtieġa ta' skrutinju finanzjarju komprensiv minn qabel ta' dawn l-entitajiet qabel ma jiġu elenkati fir-reġistru ta' trasparenza tal-UE; jitlob li uffiċjal tat-trasparenza jitqiegħed fis-segretarjati kollha tal-kumitati u fl-unitajiet amministrattivi rilevanti; ifakkar li, skont il-linji gwida dwar ir-reġistru ta' trasparenza, il-bidliet fid-data pprovduta għandhom jiġu kkomunikati malli jseħħu u, fi kwalunkwe każ, fi żmien tliet xhur; jinsisti li kwalunkwe bidla fil-bord jew fit-tmexxija tal-NGOs iffinanzjati mill-UE għandha tiġi rreġistrata wkoll fir-reġistru tat-trasparenza;

35. Jitlob infurzar strett tar-regoli għall-aċċess għall-Parlament u għal stediniet lill-kumitati parlamentari, li huma kundizzjonali għar-reġistrazzjoni ta' kull organizzazzjoni fir-reġistru ta' trasparenza mill-uffiċjal tat-trasparenza l-ġdid li ser jitqiegħed f'kull segretarjat tal-kumitat;

36. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa sistema ta' ċertifikazzjoni ċentralizzata għall-NGOs li jixtiequ japplikaw għal finanzjament tal-UE li huma rreġistrati fir-reġistru ta' trasparenza tal-UE, abbażi tal-aħjar prattiki eżistenti;

37. Jiddispjaċih dwar il-koeżistenza ta' rekwiżiti differenti ta' divulgazzjoni għal tipi differenti ta' organizzazzjonijiet fir-reġistru ta' trasparenza; jistieden lill-Kummissjoni timponi l-istess rekwiżiti ta' divulgazzjoni fuq it-tipi kollha ta' organizzazzjonijiet irreġistrati fir-reġistru ta' trasparenza; jinnota li, b'mod partikolari, kollha jridu jkunu

meħtieġa jiddivulgaw id-dħul tagħhom u l-ammonti kollha minfuqa fuq il-lobbying[21];

38. Ifakkar fir-rakkomandazzjonijiet mir-riżoluzzjoni ta' kwittanza tal-Parlament tal-2021[22] billi jitlob reviżjoni tar-reġistru ta' trasparenza tal-UE u l-linji gwida tiegħu biex jirrikjedu d-divulgazzjoni tad-dettalji dwar is-sorsi kollha ta' finanzjament minn organizzazzjonijiet irreġistrati, inklużi l-ishma miżmuma f'kumpaniji oħra, u biex jippermettu li l-fondi tal-UE jiġu traċċati mir-riċevitur dirett lill-benefiċjarju finali meta l-fondi jgħaddu tul katina, inkluż meta l-fondi minn NGO jew minn parti kkonċernata jiġu ttrasferiti għal oħra;

39. Jitlob li l-NGOs kollha ffinanzjati mill-UE jippubblikaw online l-laqgħat kollha mal-MPE, l-assistenti tal-MPE jew ir-rappreżentanti ta' istituzzjonijiet, korpi jew aġenziji oħra tal-UE kull meta tali laqgħat ikunu relatati ma' affarijiet leġiżlattivi tal-UE li jkunu għaddejjin jew mal-finanzjament tal-UE li l-NGOs jirċievu jew japplikaw għalih, f'konformità ma' obbligi simili għall-MPE; jistieden lill-istituzzjonijiet u l-korpi rilevanti tal-UE jipprovdu l-għodod meħtieġa għall-pubblikazzjoni ta' tali laqgħat;

Ir-Regolament dwar l-NGOs

40. Itenni t-talba tiegħu li saret fir-riżoluzzjoni ta' kwittanza tal-Kummissjoni tal-2021[23] biex jiġi adottat regolament dwar l-NGOs sal-1 ta' Ġunju 2024 li jinkludi rekwiżiti minimi armonizzati għall-NGOs fl-entitajiet kollha tal-UE u definizzjoni u kategorizzazzjoni ċari tal-oqsma ta' attività u d-daqs tal-NGOs u li jipprevedi l-kundizzjonijiet meħtieġa biex l-NGOs jirċievu fondi tal-UE; jinsisti li għandu jkun hemm distinzjoni ċara bejn NGOs regolari u NGOs ta' utilità pubblika; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi proċeduri simplifikati għall-NGOs iż-żgħar;

41. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li, meta tħejji l-proposta tagħha għar-regolament tal-NGOs, kwistjonijiet importanti dwar kwistjonijiet relatati ma', iżda mhux limitati għal, definizzjonijiet ċari, revolving doors, trasparenza fil-finanzjament u d-donazzjonijiet, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-limitazzjoni tal-interferenza barranija, l-indipendenza mill-influwenza politika u ekonomika, l-iżvelar ta' informazzjoni protetta, u t-trasparenza fit-tmexxija u s-sjieda attwali jiġu ttrattati b'mod trasparenti biżżejjed;

42. Itenni t-talba tiegħu fir-riżoluzzjoni ta' kwittanza tal-Kummissjoni tal-2021[24] għall-ħolqien ta' blacklist pubblika ta' NGOs li involvew ruħhom f'attivitajiet bħad-diskors ta' mibegħda, l-inċitament għat-terroriżmu, l-estremiżmu reliġjuż, l-appoġġ jew il-glorifikazzjoni tal-vjolenza jew it-tixrid ta' dikjarazzjonijiet xjentifiċi bla bażi jew li użaw ħażin jew miżapproprjaw fondi tal-UE u huma elenkati fil-bażi tad-data tal-EDES sabiex jiġi żgurat li jiġu mblukkati mill-aċċess għall-istituzzjonijiet tal-UE u l-programmi ta' finanzjament tal-UE; jistenna li proposta dwar dan titressaq mill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2024;

43. Jistieden lill-QEA tfassal rapport speċjali li jsegwi s-sejbiet tagħha tal-2018 bl-għan li tinvestiga l-istrutturi demokratiċi interni tal-NGOs, l-influssi u l-ħruġ diretti u indiretti

[21] Ara: studju dwar it-trasparenza u r-responsabbiltà, rakkomandazzjoni 24.3.
[22] Testi adottati, P9_TA(2023)0138, paragrafu 74.
[23] Testi adottati, P9_TA(2023)0137, paragrafu 20.
[24] Testi adottati, P9_TA(2023)0137, paragrafu 19.

ta’ fondi tal-UE u fondi oħra u sa fejn dawn ikunu konformi mad-drittijiet demokratiċi u tal-bniedem u l-valuri tal-UE, jistieden lill-QEA twettaq ukoll analiżi komprensiva tad-dispożizzjonijiet relatati mal-viżibbiltà u mat-trasparenza tal-qafas legali attwali għar-reġistru tat-trasparenza tal-UE u r-Regolament Finanzjarju u tagħmel rakkomandazzjonijiet ulterjuri u tanalizza t-trasparenza tal-benefiċjarju finali u tal-ewwel sponsor finanzjarju u rakkomandazzjonijiet ulterjuri biex issaħħu; jistenna li l-QEA tippreżenta dan ir-rapport sal-1 ta’ Diċembru 2024 u jistedinha tadatta l-pjan ta’ ħidma eżistenti tagħha jekk ikun meħtieġ;

44. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-QEA jippreżentaw b’mod sistematiku lill-Parlament, bħala l-awtorità ta’ kwittanza, l-informazzjoni mir-rieżamijiet fuq il-post ibbażati fuq ir-riskju tal-NGOs li jwettaq; jistieden lill-Kummissjoni tmur lil hinn mir-rekwiżiti minimi u żżid l-għadd ta’ NGOs li hija soġġetta għal rieżamijiet; jinsisti li tali informazzjoni tkun disponibbli għall-pubbliku;

45. Jiddispjaċih għall-fatt li mhuwiex possibbli għall-OLAF li jikseb informazzjoni dwar l-imġiba ħażina finanzjarja ta’ NGOs individwali; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istatus ta’ aċċess tal-OLAF; jistenna li l-iżvilupp tas-sistema ta’ monitoraġġ ser jagħmilha aktar faċli biex jiġu identifikati organizzazzjonijiet ħatja ta’ mġiba ħażina, biex jissemmew u jiġu investigati u biex jiġu imposti sanzjonijiet xierqa;

°

° °

46. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

NOTA SPJEGATTIVA

L-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) huma strumentali biex jgħaqqdu s-soċjetà ċivili mat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi fl-oqsma kollha ta' politika tal-UE. Huma għandhom ukoll rwol importanti fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, jew meta jirċievu fondi tal-UE bħala benefiċjarji diretti ta' għotjiet tal-UE mogħtija mill-Kummissjoni jew meta jirċievu fondi tal-UE indirettament minn benefiċjarji u sħab li għandhom relazzjoni legali mal-Kummissjoni, fil-modi kollha ta' ġestjoni tal-baġit. Skont id-data ppubblikata fis-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja (STF) tal-Kummissjoni, l-ammont ikkuntrattat ta' għotjiet mogħtija mill-baġit tal-UE lill-NGOs, wara li ġew esklużi l-programmi tal-UE fil-qasam tal-edukazzjoni u r-riċerka, ammonta għal mill-inqas EUR 2.6 biljun fl-2022, taħt ġestjoni diretta u fil-programmi u l-fondi kollha tal-UE. Madankollu, l-ammont totali ta' għotjiet mogħtija lill-NGOs x'aktarx li jkun ogħla (madwar EUR 3.7 biljun fl-2022), minħabba n-nuqqas ta' definizzjoni ta' NGO u minħabba n-nuqqas ta' divrenzjar ċara bejn l-NGOs u l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ (NFPOs) fl-STF.

Filwaqt li t-trasparenza u r-responsabbiltà huma prinċipji bażiċi stabbiliti fir-regoli finanzjarji li jirregolaw l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE u fatturi importanti ta' fiduċja pubblika, l-analiżi tal-qafas madwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE mill-NGOs tiżvela nuqqasijiet kbar f'termini ta' trasparenza u responsabbiltà pubblika. Peress li l-fondi mogħtija direttament lill-NGOs biss huma soġġetti għall-monitoraġġ u r-rappurtar mill-Kummissjoni, il-fondi tal-UE riallokati fil-forma ta' sottogħotjiet, sottokuntrattar jew kondiviżi fi ħdan konsorzju huma diffiċli biex jiġu segwiti u mhumiex ippubblikati fuq siti web pubbliċi bħall-STF. B'riżultat ta' dan, il-mekkaniżmi ta' kontroll immirati biex jiżguraw li l-fondi tal-UE jintużaw b'mod effettiv, effiċjenti, u f'konformità mal-objettivi, il-politiki u r-regoli finanzjarji tal-UE jsiru diffiċli biex jiġu implimentati, jekk mhux ineffettivi.

Bl-għan li tiġi evitata u miġġielda l-frodi u li jiġi żgurat li l-fondi tal-UE ma jintużawx kontra l-valuri tal-UE, għandhom jissaħħu t-trasparenza pubblika u r-rekwiżiti ta' responsabbiltà. Huwa ta' importanza kbira li jiġi żgurat li l-fondi kkuntrattati tal-UE jiġu traċċati sal-benefiċjarji finali b'mod sistematiku u armonizzat fil-pjattaformi kollha ta' informazzjoni u trasparenza fil-livell tal-UE u fil-livell tal-NGOs fl-Istati Membri. B'mod partikolari, ir-Reġistru tat-Trasparenza tal-UE għandu jippermetti t-traċċabbiltà tas-sorsi ta' finanzjament, inklużi l-fondi tal-UE, u jipprovdi trasparenza akbar tal-organizzazzjonijiet irreġistrati, u b'hekk jikkontribwixxi biex jiġu evitati każijiet bħall-Qatargate. Barra minn hekk, il-finanzjament tal-NGOs għandu jsir trasparenti mis-sors.

Kif rakkomandat fir-riżoluzzjonijiet ta' kwittanza baġitarja tas-snin preċedenti, l-adozzjoni ta' Regolament dwar l-NGOs li jistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-NGOs madwar l-UE (definizzjoni, aċċess għall-finanzjament, divulgazzjoni ta' sorsi ta' finanzjament, indipendenza minn influwenza politika u interferenza mhux Ewropea, eċċ.) tipprovdi qafas ta' kontroll baġitarju aktar sod, li jippermetti lill-NGOs iwettqu l-kisbiet pożittivi tagħhom bl-akbar trasparenza u responsabbiltà.